MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 286/2011

**Stephanie Ghigo (K.I. 457886M)**
**Vs**
**Casanova Limited (C-47739)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu r-rikorrenti tghid li kienet impjegata fuq bazi *full time* mas-socjeta’ intimata mill- 1 ta’ Mejju, 2008 sat- 28 ta’ Settembru, 2008 imbaghad fuq bazi *part time* mid- 29 ta’ Settembru, 2008 sat- 28 ta’ Novembru, 2010.

Illi l-impjieg taghha mas-socjeta’ intimata gie tterminat fit-28 ta’ Novembru, 2010.

Ghaldaqstant is-somma ta’ elf, mija u sebgha u sittin ewro (€1167) jirrapresentaw ir-rimanent bilanc minn somma akbar dovuta lir-rikorrenti bhala salarju ghal servizz minnha res fis-socjeta’ intimata ghal perjodu 1 ta’ Mejju, 2008 sat- 28 ta’ Novembru, 2010.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-24 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Stephanie Vassallo u l-fatt li rapprezentant ghas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------